Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,608 24 ta' Marzu, 2026

Taqsima B

A.L. 67 tal-2026

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut, liema ordinamenti ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2026 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Bord tal-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tal-Istudji Anglo-Taljani; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2026 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandu jkollhom tal-anqas klassifikazzjoni ta' Għadda b'Mertu (jew ekwivalenti) fi grad ta' Master fil-Letteratura Ingliża, jew fil-Letteratura Taljana, jew fil-Letteratura Komparattiva, jew fi kwalunkwe qasam meqjus rilevanti mill-Bord. Fil-każ ta' applikanti li għandhom grad ta' Master minn din, jew minn università oħra, fejn ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata l-ekwivalenza ta' Għadda b'Mertu, il-Bord jista' jiddetermina proċeduri *ad hoc* sabiex tiġi stabbilita tali ekwivalenza.

(2) Il-Bord jista' wkoll jikkunsidra applikazzjonijiet minn applikanti li għandhom grad ta' Master bi klassifikazzjoni ta' Għadda fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat mill-qrib, soġġett għall-approvazzjoni tal-Bord.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

4. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju waqt il-kors tal-istudji tagħhom, u/jew li jtemmu b'mod sodisfaċenti xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

5. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.